

Brussell, 22 ta' Awwissu 2025
(OR. en)

12194/25
ADD 1

VETER 87
FOOD 74
DELECT 111

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	21 ta' Awwissu 2025
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	C(2025) 4809 annex
Suġġett:	ANNESSI tar- Regolament Delegat tal-Kummissjoni li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli speċifiċi ta' iġjene għall-qtil b'emerġenza ta' ungulati domestiċi, għat-tonn iffriżat fis-salmura u għall-prodotti raffinati ħafna

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument C(2025) 4809 annex.

Mehmuż: C(2025) 4809 annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 18.7.2025
C(2025) 4809 final

ANNEX

ANNESI

tar-

Regolament Delegat tal-Kummissjoni

li jemenda l-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli speċifiċi ta' iġjene għall-qtil b'emerġenza ta' ungulati domestiċi, għat-tonn iffriżat fis-salmura u għall-prodotti raffinati ħafna

ANNEX

L-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 huwa emendat kif ġej:

- (1) fis-Sezzjoni I, il-Kapitolu VI, il-punt 5 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“5. L-informazzjoni dwar il-katina alimentari meħtieġa f'konformità mas-Sezzjoni III tal-Anness II trid takkumpanja lill-annimal maqtul sal-biċċerija.”.
- (2) fis-Sezzjoni VIII,
 - (a) Il-Kapitolu I huwa emendat kif ġej:
 - (i) Il-Parti I.C. hija sostitwita b'dan li ġej:

“C. Rekwiżiti għall-bastimenti tal-friża

1. Il-bastimenti tal-friża:

 - (a) irid ikollhom tagħmir li jiffriża b'kapaċità suffiċjenti biex jiffriża kemm jista' jkun malajr fi proċess kontinwu u b'perjodu ta' waqfien termali kemm jista' jkun qasir, sabiex tintlaħaq temperatura fil-qalba ta' mhux aktar minn -18°C ;
 - (b) irid ikollhom tagħmir ta' refriġerazzjoni b'kapaċità suffiċjenti biex iżommu l-prodotti tas-sajd fl-istivi tal-ħażna f'temperatura ta' mhux aktar minn -18°C . L-istivi tal-ħażna ma jridux jintużaw għall-iffriżar, sakemm ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet stabbiliti f'(a) ta' dan il-punt u jridu jkunu mġhammra b'sistema ta' reġistrazzjoni tat-temperatura f'post fejn tista' tinqara faċilment. Is-sensur tat-temperatura tal-apparat li jaqra jrid ikun jinsab f'post fejn it-temperatura fl-istiva tkun l-ogħla;
 - (c) iridu jissodisfaw ir-rekwiżiti għall-bastimenti ddisinjati u mġhammra biex jippreservaw il-prodotti tas-sajd għal aktar minn 24 siegħa kif stabbilit fil-Parti I.B., il-punt 2.

2. Minbarra r-rekwiżiti stabbiliti fil-punt 1 ta' din il-Parti, il-bastimenti tal-friża li jiffriżaw it-tonn fis-salmura kif imsemmi fil-Parti II, il-punt 8, iridu jkunu mġhammra b'sistema li:

 - (a) timmonitorja kontinwament f'ħin reali u tirreġistra t-temperatura tas-salmura abbord billi tuża mezzi elettroniċi għall-kejl tat-temperatura;
 - (b) tippermetti monitoraġġ fuq l-art f'ħin reali tat-temperatura tas-salmura mill-operatur tan-negozju tal-ikel.

3. L-operaturi tan-negozju tal-ikel tal-bastimenti tal-friża li jiffriżaw it-tonn fis-salmura kif imsemmi fil-Parti II, il-punt 8, jeħtiġilhom jagħtu aċċess, fuq talba, lill-awtoritajiet kompetenti għad-data dwar it-temperatura tas-salmura miġbura permezz tas-sistema msemmija fil-punt 2(a) u (b) ta' din il-Parti.

4. L-operaturi tan-negozju tal-ikel tal-bastimenti tal-friża li jiffriżaw it-tonn fis-salmura kif imsemmi fil-Parti II, il-punt 8, jeħtiġilhom jistabbilixxu pjan ta' validazzjoni dwar il-kapaċità tal-iffriżar tal-bastimenti tal-friża li jiffriżaw it-tonn fis-salmura, li jrid jinkludi dan li ġej:

- (a) studji kinetiċi koerenti u kurva ta' korrelazzjoni bejn is-salmura u t-temperatura fil-qalba, minn naħa waħda, u l-perjodi ta' ħin u ta' tkessiħ kif imsemmija fil-Parti II, il-punti 8 (a) u (b), min-naħa l-oħra; dawn l-istudji u l-kurva ta' korrelazzjoni jridu jkunu bbażati fuq it-temperatura tat-tonn irreġistrata mill-istrumenti mqiegħda f'tonn ikkampjunat kif ukoll kriterji oħra li l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jistabbilixxu;
- (b) evidenza li s-sondi jew is-sensuri tat-temperatura huma ċċertifikati f'konformità mal-istandards internazzjonali rilevanti għall-kejl tat-temperatura.

5. L-awtorità kompetenti jeħtiġilha tivverifika l-pjan ta' validazzjoni, u tidentifika l-kapaċità tal-iffriżar, tal-bastimenti tal-friża li jiffriżaw it-tonn fis-salmura kif imsemmi fil-Parti II, il-punt 8, waqt il-proċess ta' approvazzjoni ta' dawk il-bastimenti tal-friża f'konformità mal-Artikolu 4(3) ta' dan ir-Regolament jew, fil-każ ta' bastimenti tal-friża li jtajru l-bandiera ta' pajjiż terz, meta jqiegħdu l-bastimenti tal-friża fil-lista mfassla f'konformità mal-Artikolu 127(3), il-punti (e)(ii) u (iii), tar-Regolament (UE) 2017/625.”;

(ii) fil-Parti I.D, il-punt 3 huwa sostitwit b'dan li ġej: “Bastimenti-fabbriki li jiffriżaw il-prodotti tas-sajd irid ikollhom tagħmir li jissodisfa r-rekwiżiti għall-bastimenti tal-friża kif stabbilit fil-Parti I.C, il-punti 1(a) u 1(b)”

(iii) il-Parti I.E. hija sostitwita b'dan li ġej: “Il-bastimenti reefer li jittrasportaw u/jew jaħżnu prodotti tas-sajd iffriżati bl-ingrossa jrid ikollhom tagħmir li jissodisfa r-rekwiżiti għall-bastimenti tal-friża stabbiliti fil-punt 1(b) tal-parti C dwar il-kapaċità tagħhom li jżommu t-temperatura.”

(iv) Fil-Parti II, jiżdied il-punt 8 li ġej:

“8. It-tonn sħiħ (il-ġeneru *Thunnus u Katsuwonus*) jista' jiġi ffriżat fis-salmura f'temperatura fil-qalba ta' -18°C f'bastimenti tal-friża msemmija fis-Sezzjoni VIII, il-Kapitolu I, il-Parti I.C, il-punt 2, dment li t-tnaqqis fit-temperatura jitwettaq fi proċess kontinwu, u soġġett għall-konformità mar-rekwiżiti li ġejjin:

- (a) meta jitwettaq proċess ta' ffriżar dirett fis-salmura, it-tul ta' żmien totali tiegħu biex jilħaq -18°C fil-qalba ma jridx jaqbeż is-96 siegħa wara li l-ewwel qabda tat-tonn tkun tqiegħdet fis-salmura, u t-tonn irid jilħaq temperatura fil-qalba ta' inqas minn 0°C f'inqas minn 24 siegħa;
- (b) meta jsir proċess ta' tkessiħ f'ilma baħar nadif imkessaħ qabel ma t-tonn jitqiegħed fis-salmura, it-temperatura tat-taħlita ta' tonn u ilma baħar nadif imkessaħ trid tilħaq 3°C f'inqas minn 6 sigħat, u 0°C f'inqas minn 16-il siegħa; il-proċess totali ta' tkessiħ f'ilma baħar nadif imkessaħ ma jridx jaqbeż it-72 siegħa wara li l-ewwel qabda tat-tonn tkun tqiegħdet fit-tank tal-ilma baħar nadif imkessaħ; ladarba t-tonn jitqiegħed fis-salmura, it-tul ta' żmien totali tal-proċess tal-iffriżar, minn 0°C sa -18°C fil-qalba, ma jridx jaqbeż it-72 siegħa;
- (c) l-operaturi tan-negozju tal-ikel jeħtiġilhom jimmonitorjaw il-konċentrazzjoni tal-melħ tas-salmura u jieħdu azzjoni xierqa biex

iżommu l-konċentrazzjoni tal-melħ stabbilita fil-pjan ta' validazzjoni tagħhom.

- (d) għal skopijiet ta' verifika, l-operaturi tan-negozju tal-ikel jeħtiġilhom jirreġistraw kontinwament it-temperatura ta' kampjun tat-tonn permezz ta' strument li jkejjel it-temperatura mdaħħal fil-parti tal-ħuta l-aktar sensittiva għat-temperatura, jiġifieri l-parti li tiffriża l-aħħar;”

- (b) fil-Kapitolu III, il-Parti B, hija sostitwita b'dan li ġej: “L-istabbilimenti fuq l-art li jiffriżaw jew li jaħżnu l-prodotti tas-sajd iffriżati jrid ikollhom tagħmir, adattat għall-attività mwettqa, li jissodisfa r-rekwiżiti għall-bastimenti tal-friża stabbiliti fis-Sezzjoni VIII, il-Kapitolu I, il-parti I.C, il-punti 1(a) u 1(b).”

- (3) It-Taqsima XVI hija emendata kif ġej:

- (a) fil-punt (1), is-subpunt (h) huwa sostitwit b'dan li ġej:

“(h) addittivi tal-ikel li joriġinaw mill-annimali awtorizzati f'konformità mal-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill*,”

*Ir-Regolament (KE) Nru 1333/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar l-addittivi tal-ikel (ĠU L 354, 31.12.2008, p. 16, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/2008/1333/oj>);

- (b) il-punt (2) huwa emendat kif ġej:

- (i) jiżdied is-subpunt (4) li ġej mas-subpunt (c):

“(4) meta jkunu derivati mix-xama' tas-suf, trattament bis-šana b'mill-lanqas 135 °C għal mill-anqas 90 minuta;”

- (ii) jiżdied is-subpunt (d) li ġej: “(d) insetti.”.